Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,798, 28 ta' Mejju, 1999
Taqsima B

A.L. 90 ta' l-1999

ATT DWAR IL-BORŻA TA' MALTA (KAP. 345)

Regolamenti ta' l-1999 dwar l-Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Borża, u wara li kkonsulta l-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar l-Emenda ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Istatut li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Istatut".

Jemenda l-Artikolu 3 ta' l-Istatut.

2. Fil-proviso li hemm mal-paragrafu (i) ta' l-Artikolu 3 ta' l-Istatut, minflok il-kliem "bil-għan li jinnegozjaw unikament f'titoli maħruġa mill-Gvern bla ħsara għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:" għandhom jidħlu l-kliem "bil-għan li jinnegozjaw unikament f'titoli maħruġa mill-Gvern u li jesegwixxu trasferimenti, f'isem il-Gvern, ta' titoli kkwotati ta' kumpanniji jew ta' entitajiet oħra li jkunu proprjetà assoluta jew parzjali tal-Gvern, bla ħsara għal dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:".